# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Marzu 2002**

**Numru**

**Citaz. numru 1032/88 DS**

Henry Filletti
vs
Anthony Spiteri Staines u George V. Xuereb bhala diretturi tad-ditta 'Water Proofing Membraines Ltd.' u in rapprezentanza ta' l-istess

Illum, 8 ta' Marzu 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Ottubru 1988 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi d-ditta konvenuta fuq ordni tal-attur ezegwiet xoghol ta' water proofing treatment fil-fond "Joyce", Old Railway Track, Attard;

Illi f’dan ix-xoghol irrizultaw minn xi xmien difetti serji dovuti ghal nuqqas ta’ hila, arti jew sengha da parti tad-ditta konvenuta liema difetti gew certifikati mill-Perit Richard Aquilina kif jidher mid-Dokument A hawn anness;

Illi d-ditta konvenuta ghall-ewwel accettat li tirrimedja ghall dawn id-difetti izda issa qed tirrifjuta li tirrikonexxi ir-responsabilta taghha ghalihom;

talab li din il-Qorti;

1. tiddikjara permezz tal-operat ta’ periti nominandi li x-xoghol ezegwit mid-ditta konvenuta hu difettuz, mhux skond l-arti u s-sengha u mhux skond l-ordni u li l-istess ditta konvenuta hi responsabbli, anki in vista tal-garanzija minnha moghtija, ghad-difetti serji li rrizultaw fl-istess xoghol;

2. tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss jirrimedjaw ghad-difetti serji li rrizultaw;

3. in difett tawtorizza lill-attur jezegwixxi hu stess ix-xogholijiet rimedjali a spejjez tad-ditta konvenuta u dana f’kull kaz taht id-direzzjoni ta’ perit nominat ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-1988 kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li x-xoghol ta’ water proofing treatment maghmul mill-eccipjenti nomine sar kollu skond is-sengha u l-arti u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

2. illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall premess, it-talbiet attrici huma ghal kollox intempestivi, stante li l-attur qatt ma ta opportunita lill-eccipjenti nomine sabiex jispezzjonaw l-istess xoghol dwar l-allegati lamenteli, tant li addirittura irrifjuta li jhalli rappresentanti tas-socjeta konvenuta jidhlu biex jaraw l-istess xoghol u minflok qabad u pproceda intempestivament bil-premessi proceduri odjerni.

3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendnti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Mejju 1989 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Joseph Jaccarini bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar it-talba jew it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fis-17 ta' Jannar 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li f'Ottubru 1983 is-socjeta` konvenuta kienet esegwiet xoghol ta' *water-proofing* bit-tqeghid ta' *membrane* fuq il-maggor parti tal-bejt tar-residenza taghhom "Joyce", Old Railway Track, Attard. Ftit zmien wara l-*membrane* beda jintefah f'xi postijiet u l-attur ilmenta mas-socjeta` konvenuta dwar dan. Ghalkemm rapprezentanti ta' l-istess socjeta` marru diversi drabi biex jezaminaw l-ilmenti ta' l-attur, qatt ma sar xi ripristinar da parti taghhom. Ghalhekk gew inizjati dawn il-proceduri.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku kkonkluda li fil-fatt ix-xoghol li sar mis-socjeta` konvenuta ma kienx tal-livell mehtieg peress li, kif gie osservat waqt l-accessi mizmuma minnu, irrizultalu li f'diversi bnadi l-*membrane* ddistakka ruhu. Huwa jghid (f'para. 3.5 tar-relazzjoni tieghu) li l-atturi kellhom ragun jilmentaw ghall-infieh li rrizulta fil-*membrane* u li jaqbel ma' dak li ddikjara l-A.I.C. Richard Aquilina (li kien inkarigat mill-attur biex jezamina l-*membrane*) li l-*welding* bejn il-*layer* ta' taht u dak ta' fuqu ma sarx hlief billi l-*metallic layer* tpogga fuq il-*metallic layer* l-iehor u b'hekk l-*adhesion* saret bejn *metallic layer* u iehor u mhux bejn il-*bituminous layer* u iehor.

Dwar *patches* li mmanifestaw ruhhom fis-soqfa sottostanti ghall-*membrane,* il-perit tekniku qal li dawn setghu nholqu minhabba l-*condensation* ta' shana li giet iggenerata fl-istess fond u li malli din is-shana messet mas-soqfa, minhabba d-differenza fit-temperatura ta' gewwa u dik ta' barra rrizulta f'*moisture* li kkaguna dawn il-*patches*. L-assorbiment ta' l-istess *moisture* seta' wkoll kkaguna l-ixpakkar tax-xibka tar-*reinforcement* li ntuzat fis-soqfa tal-konkos. Nonostante dan, huwa sostna li d-distakkament li sar tal-*membrane* seta' kkontribwixxa ghall-perkolazzjoni ta' ilma tax-xita (ghalkemm qatt ma giet innutata mill-attur u martu) li kkagunat il-*patches* imsemmija fis-soqfa.

Issa George Xuereb xehed fis-seduta peritali tas-16 ta' April 1999 li l-*metallic foil* li jkopri l-*membrane* mhuwiex kopert bil-garanzija li tat is-socjeta` konvenuta. Il-perit tekniku, fil-fehma tal-Qorti korrettement, ma qabilx ma' din is-sottomissjoni. Difatti l-garanzija tghid testwalment: *"We hereby guarantee the waterproofing works carried out at Mr. Filletti's villa situated at Attard for a period of five years from date of completion, i.e. the 22nd October 1983"*. Din il-garanzija ma tikkontjeni l-ebda limitazzjoni, la fuq ix-xoghol u lanqas fuq il-materjal uzat. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-pretnsjoni vantata mis-socjeta` konvenuta f'dar-rigward hija inaccettabbli.

Fl-eccezzjonijiet taghha s-socjeta` konvenuta ssostni l-intempestivita` tac-citazzjoni peress li l-attur qatt ma ta l-opportunita` lis-socjeta` konvenuta biex tispezzjona x-xoghol dwar l-allegati lmenti. Dan huwa kontradett mill-attur u martu li ndikaw l-okkazjonijiet meta impjegati tas-socjeta` konvenuta marru jispezzjonaw ix-xoghol u minn George Xuereb stess li xehed li mar fuq il-post wara li kien ircieva ittra minghand l-attur.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine, tilqa' t-talbiet attrici, u ghalhekk:

(1) tiddikjara li x-xoghol esegwit mis-socjeta` konvenuta hu difettuz, mhux skond l-arti u s-sengha u mhux skond l-ordni u l-istess socjeta` konvenuta hi responsabbli, anki in vista tal-garanzija minnha moghtija, ghad-difetti serji li rrizultaw fix-xoghol,
(2) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta biex fi zmien xahar millum jirrimedjaw ghad-difetti li rrizultaw taht is-supervizjoni ta' l-A.I.C. Joseph Jaccarini li qieghed jigi nominat ghal dan l-iskop, u
(3) fin-nuqqas, tawtorizza lill-attur jesegwixxi x-xoghlijiet rimedjali hu a spejjez ta' l-istess socjeta` konvenuta u taht is-supervizjoni ta' l-istess A.I.C. Joseph Jaccarini.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**